# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 488/01mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Joanna Seychell u zewgha John Seychell**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm568.00) rapprezentanti import ta' tmien (8) kambjali ta' Lm71, debitament accettati u

skaduti minn Ottubru, 2000, sa' Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 8 konsekuttivament u inkluzivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April, 2001, jammontaw ghal Lm16, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-10 ta' Ottubru, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.